# IL-KONTI CIANTAR U L-FOLKLORE MALTI

*Studju ta'* Ġ. Cassar Pullicino

BIL-MAQLUB ta' li ġara f'xi pajjiżi oħra, hawn Malta l-ewwel studji li saru fil-għalqa tal-folklore kellhom x'jaqsmu mad-drawwiet fil-lbies u fl-ikel, maż-żwiġijiet u l-funerali ta' niesna—u ma' l-ewwel qwiel tal-poplu tagħna. U l-ewwel nies li ntefgħu għal dax-xogħol kienu kollha nies Maltin li għexu jew kitbu fl-aħħar nofs tas-seklu tmintax—seklu li fih kiber u xtered il-moviment tar-Romantiċiżmu bl-interess li qanqal fil-għana u fil-ħrejjef u fergħat oħra tal-letteratura popolari. Issa s-seklu tmintax kien ukoll żmien li fih kienu jsaltnu fl-imħuħ ta' l-istudjużi żewġ ideat: il-ħlewwa u s-safa tal-bniedem salvaġġ u l-idea li n-natura tal-bniedem hija xorta waħda kullimkien—idea li tidher ċar fl-opra ta' G. B. Vico *Scienza Nuova* (1725). Minn dawn iż-żewġ ideat tqanqal interess kbir fil-ħajja tal-popli primitivi, kif ukoll tiftix għaqli fid-drawwiet u l-ħajja tan-nies ċivilizzati. Fuq il-fond ta' dan il-kwadru ġenerali ta' l-istudju tal-folklore fl-Ewropa nistgħu issa nikkunsidraw il-ħidma u x-xogħol tal-Konti G. A. Ciantar, li flimkien mal-Kanonku G.F. Agius de Soldanis u M. A. Vassalli, kebbes in-nar ta' dan l-istudju fil-gżejjer tagħna. Hawnhekk nitkellmu biss fuq il-Konti Ciantar sew għaliex ix-xogħol tiegħu kien l-iktar importanti fosthom, kif ukoll il-għaliex s'issa ħadd għadu ma tah li ħaqqu—la bħala storiku, fil-fehma tagħna, u lanqas bħala studjuż tal-folklore.

Biex naraw aħjar min kien il-Konti Ciantar nagħtu tagħrif qasir dwar ħajtu. Twieled nhar l-4 ta' Settembru, 1696 u fl-1711 telaq minn Malta biex ikompli jistudja barra. Daħal fil-Collegio Nazareno f'Ruma, u wara tgħallem it-Teoloġija u l-Liġi; imma l-iktar li kien mixħut għall-Matematka, għall-Istorja, u għall-Poeżija, li kien jikteb bil-Latin u bit-Taljan. Kien imsieħeb fl-*Arcadia* u f'ħafna Akkademji oħra ta' dak iż-żmien. Imbagħad ġie lura Malta u żżewweġ; iżda fl-1721, wara l-mewt ta' missieru, mar joqgħod f'Palermo u minn hemm għadda għal Ruma. Sena wara nsibuh mill-ġdid Malta, u s-Sultan Manoel laħħqu Ġurat tal-Belt, il-Birgu u l-Isla. L-interess tiegħu fl-istudju ma naqas qatt, u barra li tgħallem il-Grieg u l-Franċiż, kiteb fuq il-qdumijiet, l-istorja naturali u l-medalji qodma ta' pajjiżna, għaqqad mużew ċkejken għalih u ġabbar librerija privata ta' kotba

magħżula. Għamel isem fl-Italja u fi Franza meta, fl-1737, ħareġ għal Patri Ignazio Giorgi li kien kiteb li San Pawl ma kienx tfarrak hawn Malta imma fi gżira oħra, Meleda, fl-Adrijatiku. Meta kellu 55 sena Ciantar beda jonqsu d-dawl, u spiċċa biex għama għal kollox. Imma b'danakollu baqa' jiddetta sunetti, odi, drammi u epitaffi, u temm ir-reviżjoni ta' l-Istorja ta' Malta ta' G. F. Abela li minnha ħareġ fi żmienu l-ewwel volum—*Malta Illustrata*—fl-1772. It-tieni volum ħarġu ibnu fl-1780. Ciantar miet fl-1778 u, skond ma jgħid ibnu (1), jinsab midfun fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt. Bħala bniedem, jingħad li l-Konti Ciantar kien raġel twil u sbejjaħ, fabbli ma' kulħadd u ferrieħi fi kliemu (2).

Hafna jaħsbu illi l-edizzjoni ta' l-Istorja ta' Abela maħruġa mill-Konti Ciantar mhijiex ħlief l-istess opra stampata u miżjuda xi ftit. U billi aktarx li dan ix-xogħol jiġi ċitat mill-istudjużi bħala ''Abela-Ciantar'' donnu l-isem ta' Ciantar jitwaħħad ma' ta' Abela u jintefa. Imma ż-żidiet li għamel Ciantar juru preparazzjoni qawwija u midħla tal-għaġeb mal-ġrajjiet ta' żmienu kif ukoll kultura ġenerali u ħjiel tajjeb ta' letteratura. Ikkorreġa xi żbalji li kien ħa Abela, qasam it-test f'paragrafi meta kien meħtieġ, biddillu xi ftit l-istil biex jinqara iktar ħafif u mexxej, u minn opra f'volum wieħed ħareġ żewġ volumi kbar. Kulma żied u kiteb Ciantar jista' jingħażel malajr minn dak li kiteb Abela, il-għaliex jidher kollu bejn virgoletti. U hekk nittamaw illi x-xogħol ta' Ciantar bħala storiku għad jiġi studjat sewwa u li jingħaraf aħjar il-kwadru li ħallielna ta' Malta fis-seklu tmintax. Imma dak li jinteressana hawnhekk huma xi a petti ta' folklore Malti li jidhru minn bejn il-paġni tal-*Malta Illustrata* tal-Konti Ciantar.

Nistgħu ngħidu illi l-kontribut ta' Ciantar għall-istudju tal-folklore biċċa sar direttament u biċċa indirettament, mingħajr anqas biss ma kien jaf il-kittieb stess li għad jiswa għalhekk. Indirett huwa d-dawl li jixħet fuq id-drawwiet u l-ilbies u ċ-ċerimonjal ta' żmienu bid-dettalji li jagħtina ta' purċissjonijiet u okkażjonijiet oħra ta' festi mogħtijin għall-pubbliku; waqt li dirett,

(1) Ibnu, il-Konti Giorgio Serafino Ciantar Paleologo, żied il-ħajja ta' missieru fil-qosor fit-tieni volum tal-*Malta Illustrata*, 1780 (Lib. IV, Vol. IV, pp. 600-602).

(2) *Ibidem*, p. 602.

għax qal hekk Ciantar stess fil-kelmtejn qabel li kiteb għall-*Malta Illustrata*, huwa t-tagħrif li jagħti fl-*Appendice* ta' l-ewwel volum, dwar iż-żwiġijiet qodma tal-Maltin, id-drawwiet li kienu jsiru meta jmut xi ħadd, id-dettalji dwar karattru u lbies tal-Maltin, u l-fehma tiegħu dwar in-nisel ta' dawn id-drawwiet.

Wisq iktar minn Abela, il-Konti Ciantar kellu pinna ħafifa u kien iħaddem stil ċar, ħaj u mexxej, imżewwaq b'xi rimarki persunali li jżidu jlewnu r-rakkont. Il-qawwa ta' l-osservazzjoni tiegħu tidher fir-reqqa li biha jġibilna quddiem għajnejna xi ċerimonji ekklesjastiċi u pubbliċi ta' żmienu. Issa jgħidilna fuq il-pussess ta' dan jew dak l-Isqof, u bħal naraw għaddejjin dawk il-karrozzi, u l-ilbies tan-nies ta' ġo fihom, il-qassisin rekbin fuq iż-żwiemel; nisimgħu l-isparar u d-daqq tal-qniepen waqt li jingħataw il-bukketti tal-fjuri u jinqraw il-poeżiji jew jittieħdu ġuramenti. U l-istess meta jgħidilna fuq il-mewt ta' xi Isqof jew Gran Mastru. Naqraw kif sviluppa l-kostum ekklesjastiku hawn Malta fi żmienu, u bħal ningħaqdu ma' dawk il-ħafna nies li, lejlet il-festa ta' S. Lawrenz ta' l-1752, inġemgħu fejn l-imħażen ta' Pintu, li kienu għadhom kif tlestew, biex jaraw il-mixegħla tal-faċċata tagħhom; nisimgħu d-daqq ħelu li baqa' sejjer il-lejl kollu, waqt li l-għonja u nies oħra resqu fuq id-dgħajjes mal-mol biex jaraw u jgawdu dik id-dehra sabiħa (3). Jekk inhi l-Imnarja, l-ewwel jgħidilna fuq it-tiġrijiet li kienu jsiru, u n-nies li kien ikun hemm jaraw fil-Loġġa, mindaqqiet bil-Gran Mastru fosthom, u mbagħad jeħodna l-Buskett fejn ix-xena tiżżewwaq bl-għarajjes ġodda u d-daqq u l-għana u l-għajat, u nitilqu minn hemm waqt li l-għarajjes għaddejjin rikbin, hu quddiem uhi wara, bil-fergħa tal-luq f'idejhom bħala sinjal li kienu marru l-festa u gawdew il-Buskett, sewwa sew bħalma kienu għamlu missirijiethom u ommijiethom fiż-żmien ta' qabilhom (4).

Tagħrif ieħor jagħtina dwar il-leġġendi ta' żmienu li tagħhom għad fadal xi tifkira. Issa jgħidilna fuq Sant'Orsla u kif waqfet mal-Għawdxin fit-tiġrib tagħhom, jew fuq Sant'Agta li ħelset il-Maltin meta darba ħabtu għalihom it-Torok u tagħna ħadu l-istatwa tagħha fuq is-swar ta' l-Imdina u wara ftit l-għadu telaq; jonkella fuq il-ġebla tal-Grotta ta' San Pawl—imsejħa *grazzja ta' San Pawl* — li taqta' kemm taqta' minnha qatt ma

(3) *Op. cit.*, Vol. I, Lib. I, Not. 1, p. 20.
(4) *Op. cit.*, p. 226-227; 141.

jidher ġol-għar u li kienet tajba għal xi mard, jew fuq id-Damaxxena li ġiebu magħhom l-Ordni minn Rodi. Imma l-isbaħ hi l-leġġenda ta' San Kurradu, li kien joqgħod Wied il-Għasel sakemm il-Mostin nasbuh u kellu jaħrab u jħalli l-Gżira u jaqsam għal Sqallija fuq il-mant mifrux fuq wiċċ il-baħar. U qabel telaq bassar lill-Mostin li għad iridu jġarrbu ħafna tbatijiet, li għad iridu jaħbtu għal Malta t-Torok, u li għad jiġi żmien li "f'Xagħret Mewwija għad kull xiber jiswa mija"—ħaġa li twettqet meta ġiet biex tinbena l-Belt Valletta (5). U jfakkarna wkoll fid-drawwa li jitqiegħdu l-friegħi tal-luq mal-gallarija tal-Gran Mastru, tal-Balliji u tal-fizzjali għolja ta' l-Ordni nhar l-ewwel ta' Mejju, u li ma kinux ineħħuhom dal-friegħi qabel tmint ijiem.

Iktar magħrufa, sew mill-kittieba Maltin u barranin li ħadu minnha fil-kitba tagħhom, kif ukoll aktar importanti fiha nfisha hija d-deskrizzjoni li ħalla Ciantar taż-żwiġijiet, funerali u lbies tal-Maltin ta' żmienu u ta' qabel.

Jekk wieħed jifli sewwa l-kitba tal-Konti Ciantar jasal biex jara x'kienet il-fehma tiegħu dwar in-nisel tad-drawwiet Maltin taż-żwieġ u tal-mewt, kif ukoll x'kien li ġagħlu jħalli bil-miktub it-tifkira ta' kif kienu jsiru fi żmienu. Ciantar kien iħoss li, billi dawn id-drawwiet bil-ftit il-ftit kienu qed jinqatgħu, kien xieraq li jsemmi xi ħaġa hu fil-kitba tiegħu. Imma kellu jillimita ruħu għaż-żwiġijiet, funerali u xi karatteristiċi oħra ta' lbies u karattru tal-Maltin, li tagħhom irnexxielu jagħti tagħrif dettaljat. Mill-kummenti tiegħu, iktar milli mid-deskrizzjoni nfisha, nistgħu niffissaw xi dati li fihom din jew dik id-drawwa kienet għadha ssir hawn Malta. Il-baldakkin li taħtu l-għarusa kienet toħroġ mid-dar sal-knisja nqata' mill-Isqof Luca Bueno fl-1668; l-Isqof Cocco Palmieri (1681-1711) qata' d-drawwa li jingħata flixkun inbid lill-kappillan fit-tiġijiet, u sa l-1618 jidher mir-rapporti tal-kappillani lill-Isqof Baldassare Cagliares li kienu għadhom jagħtuhom ftira, imsejħa *qarċilla*, b'żewġ figurini li juru l-għarus u l-għarusa fuqha, li kienet tinġarr quddiem l-għarajjes mid-dar sal-knisja u titqiegħed fuq l-artal bħala rigal lill-kappillan. Sa l-1598 kienu għadhom jidhru d-daqqaqa tal-vjolin u l-kitarra, li jimxu quddiem l-għarusa u jieqfu jgħannu tifħir lill-għarusa u lill-għarus. Fi żmien Ciantar kien ilu li nqata' l-użu li jindilek fomm l-għarusa b'taħlita ħelwa, li Vassalli żmien wara

(5) *Op. cit.*, p. 246.

jgħid li kien jisimha *żib*, biex kliemha ma' żewġha jkun ħelu u sabiħ, imma l-kittieb tagħna qara fuq din id-drawwa f'Ms. li ħallielu wieħed Salv. Mangion u semmieha wkoll. Sa żmien kienu għadhom f'xi rħula jifirxu kutra fuq il-qabar biex ma jirfes ħadd fuq il-mejjet, u fi tfulitu huwa nnifsu sab ruħu f'dar fejn nies il-mejjet qagħdu jieklu fuq ħasira fl-art. b'saqajhom imsallba b'sinjal ta' għali (6). Sal-bidu tas-seklu 18 kien għad fadal nisa li jinfexxu jqattgħu xagħarhom meta jmut xi ħadd jiġi minnhom (7), u sas-seklu 17 baqgħu jagħmlu l-weraq tarrand u tal-larinġ taħt ras il-mejjet fil-qabar. In-*newwieħa* aktarx li nqatgħu fi żmien il-pesta ta' l-1676, meta l-funerali ma tħallewx isiru bil-pompa ta' qabel.

Dwar in-nisel tad-drawwiet Maltin Ciantar mexa wara Abela u ħareġ bit-teorija li ħafna minnhom huma ġejjin mill-Griegi. Fil-fehma tiegħu setgħu l-Maltin ħaduhom minn għand il-Griegi meta dawn kienu jsaltnu fuq dawn i-gżejjer; imbagħad. meta l-Maltin saru Nsara, warrbu s-superstizzjonijiet u żammew biss il-ħsieb ewlieni jew it-tifkira tiegħu. Kultant l-argument jidher ftit imqanżaħ, ngħidu aħna, meta jnissel id-drawwa Maltija li l-għarusa toħroġ taħt il-baldakkin mid-drawwa Griega li jinkurunaw lill-għarusa. L-istess għan-newwieħa. Wara li jagħti tagħrif dwar il-*prefiche* tar-Rumani, li jixbhu ħafna lin-newwieħa tagħna, igħid li billi did-drawwa kienet mll-qedem fil-Greċia, il-Maltin ħaduha mill-Griegi meta konna taħthom żmien qabel ma ġew ir-Rumani Malta (8). Ir-rigal tal-ħut li l-għarus kien jagħti lill-għarusa, ilaqqgħu mad-drawwa tal-Feniċi li jaduraw il-Fortuna. It-twemmin fil-ħut għar-riżq ġie mal-Feniċi, li minnhom tnisslu l-Maltin qodma, flimkien mal-kult tal-Fortuna; imma meta l-Maltin saru Nsara warrbu l-kult tal-Fortuna u żammew biss it-twemmin li l-ħut iġib ir-riżq (9). Id-drawwa li jitqassam il-qamħ imsajjar, li tissejjaħ *qoċċija*, fil-funerali, Ciantar igħid li daħħluha l-Griegi, li sa żmienu kienu għadhom jagħmlu hekk. Biex isaħħaħ il-fehma tiegħu dwar in-nisel tad-drawwiet mill-Griegi, iżid igħid : "U billi l-Griegi damu jsaltnu ħafna fuqna, id-drawwiet tagħhom baqgħu ħajjin għal żmien twil

(6) *Op. cit.*, Appendice, p. 780.
(7) *Ibidem*, p. 801.
(8) *Ibidem*, p. 792.
(9) *Ibidem*, p. 786.
(10) *Ibidem*, p. 806.

f'din il-gżira. Minn hekk ġej li sas-sena 1575 kienu għadhom jgħammdu lit-trabi billi jgħaddsuhom fl-ilma skond ir-rit Grieg —drawwa li ġiet projbita minn Duzzina" (10).

Imma barra l-Griegi, popli oħra li ħakmu dawn il-gżejjer ħallew il-marka tagħhom fid-drawwiet tagħna—Normanni, Svevi, Anġojini u Aragoniżi, l-iktar dawn ta' l-aħħar. Minn għand il-Għarab il-Maltin ħadu l-kapott li sa żmienu kien għadu jintlibes sew mill-popolin kemm mill-għonja, bid-differenza li n-nobbli, flok tad-drapp oħxon u goff, kienu jagħmluh tal-pannu fin u b'xi ornamenti, u kienu joqogħdu bih ġod-dar biss u ma joħorġux barra jekk mhux bil-lejl. Imħabba l-kummerċ ma' Sqallija daħlu wkoll xi drawwiet Sqallin sew fl-ikel kemm fil-lbies, l-iktar **tan-nisa, u fl-ibliet fi** żmien Ciantar kienu daħlu xi użanzi Franċiżi wkoll, fil-lbies, fil-ħajja u fid-diskors. Il-fehma tiegħu hija li mis-seklu XVII il-ħajja ta' l-ibliet f'Malta kienet tingħax fuq dik ta' l-Italja, u iktar u iktar fuq dik ta' Franza. Imma fi żmienu kienu nqatgħu ċerti żifniet qodma li ġejjin mill-Italja u minn Spanja, u flokhom bdew jinżifnu oħrajn li jaqblu aktar mal-gost Franċiż (11).

Semmejna ftit ilu l-kapott, li l-Maltin ħadu mill-Għarab. Qabel is-seklu XVI il-Maltin li jistgħu kienu jorqdu fuq rix u pjumi rotob, jew suf, imgħottija b'ložor tal-għażel fin, u kienu jqiegħdu taħt rashom imħaded mimlija bil-weraq ifuħ tal-warda Maltija, li kien imfittex ukoll mill-barranin li jistgħu. F'dan iż-żmien ukoll il-Maltin għonja kienu jxiddu mhux biss ilbies tal-ħarir imma x'uħud minnhom tal-bellus. In-nisa Maltin kienu jinsġu l-lbies tal-ħarir bil-ħajt tad-deheb, irranġati b'mod u bis-simetrija li jidhru bħal arzell tad-deheb. Il-brieret kbar li kienu jxiddu f'rashom il-Maltin aktarx li ħaduhom minn għand l-Aragoniżi, li saltnu għal żmien twil qabel il-Kavalieri, u sa żmien Ciantar xi bdiewa u Maltin oħra kienu għadhom jilbsuhom għal bil-lejl u meta jmorru għall-kaċċa (12).

Dawn huma l-linji ġenerali tat-tiftix u l-kitba ta' Ciantar li għandha x'taqsam ma' l-istudju tal-folklore Malti. Jista' jagħti każ li Ciantar fid-deskrizzjonijiet tiegħu tat-tiġijiet, funerali u lbies mexa fuq il-kitba li kien ħalla f'manuskritt il-Kan. Agius

(11) *Ibidem*, p. 807.
(12) *Ibidem*, pp. 811-813.

De Soldanis (13). Imma jekk inhu hekk, ma jonqosx il-mertu tiegħu li għaraf jippreżenta l-materjal bi stil iktar ċar u loġiku minn kif ħallieh De Soldanis — li forsi kellu f'rasu jagħmel bih dak li għamel Ciantar li ma laħaqx miet meta Ciantar kien għadu qed ilesti r-reviżjoni tal-*Malta Illustrata*. Li ż-żewġ kittieba kienu ħbieb, u jgħinu 'l xulxin fil-kitba u t-tiftix tagħhom, jidher mill-manuskritti li ħalla De Soldanis. Imma fejn jingħażel Ciantar minn De Soldanis huwa fil-mod kif jinterpreta l-materjal li jkollu f'idejh. De Soldanis jiġbor u jqiegħed id-dettalji quddiemna, Ciantar ma' dawn iżid it-tifsira tiegħu ta' kif, fil-fehma tiegħu, tnisslu d-drawwiet Maltin f'dawn il-gżejjer. De Soldanis jidher midħla iżjed tal-ħajja tal-bdiewa u tal-kampanja, u kien attent iktar minn Ciantar biex iniżżel il-kelma Maltija tal-libsa jew drawwa li jkun jiddeskrivi. L-istudjuż tal-lum u ta' għada jista' għalhekk joqgħod aktar fuq De Soldanis għax ilaqqa' l-interess folkloristiku ma' dak filoloġiku fit-tiftix tiegħu fil-ħajja soċjali qadima tal-Maltin. Imma jibqa' l-fatt illi Ciantar kien l-ewwel wieħed illi pprova jxebbah, b'metodu xjentifiku, id-drawwiet Maltin ma' dawk ta' pajjiżi oħra u b'mod illi l-għorrief ta' barra u l-kittieba ta' warajh setgħu jistudjaw u jżommu ħajja t-tifkira ta' dawk id-drawwiet. L-għalqa ta' l-istudji tiegħu ma kenitx tinfirex wisq, u ma tħaddan fiha u la ħrejjef, u la proverbji u lanqas għana. Imma Ciantar kiteb fuq id-drawwiet bħala ħaġa barra minn triqtu, u l-ħidma tiegħu prinċipali kienet mixħuta fuq suġġetti oħra u fuq għalqa ikbar.

Minn dan kollu jidher ċar illi Ciantar kien iqis l-istorja bħala suġġett li jħaddan il-ħajja soċjali tal-poplu barra dik tas-slaten, isqfijiet u prinċpijiet, u l-ġrajja tal-gwerer li kienu aktarx jimlew il-kotba ta' l-istorja sa dak iż-żmien. F'dan huwa wessa' xi ftit il-għalqa mfassla minn Abela li huwa wkoll, 'l hawn u 'l hinn, jagħti ħjiel qasir ta' xi tradizzjoni jew leġġenda jonkella drawwa. Sa ma wasal f'dan il-konċett ta' l-istorja, li jaqbel ma' dak ta' l-istorjografija moderna, bilfors li Ciantar intmess mill-

(13) Ara R.M.L. Ms. 142, Vol. 5, pp, 218-221 kitba ta' Agius de Soldanis jisimha *Degli abiti, costumi, sponsali, matrimoni e funerali dei Maltesi*. Dil-kitba dehret biċċa minnha *Costumi Nuziali Antichi Maltesi* maħruġa minn Dr. G. Curmi fil-*Malta Letteraria* (Serie II, Vol. III, pp. 21-24), u l-bqija *Abiti, Costumi e Funerali degli antichi maltesi* fl-istess rivista, (Nuova Serie, Anno II, No. 1 — 1935 maħruġa mill-kittieb ta' dan l-istudju.

kurrenti ġodda tal-kittieba progressivi ta' żmienu. U mingħajr ma ngħidu li kien żgur hekk, ma nistgħux ma niftakrux fil-kuntatt li kellu ma' l-istudjuż Taljan Ludovico Antonio Muratori (1672-1750) li kien talab lil Ciantar biex jibgħatlu l-iskrizzjonijiet qodma li jsib hawn Malta ħalli jġibhom ma' l-Iskrizzjonijiet li kien qed joħroġ (14). La hu hekk, mhix ħaġa kbira li Ciantar kien midħla tax-xogħlijiet ta' Muratori li jidher bħala wieħed mill-prekursuri fl-istudju tal-folklore fl-Italja, flimkien ma' Gian Battista Vico. Muratori barra s-superstizzjonijiet, il-ġostri, it-tiġrijiet taż-żwiemel, il-kummidjanti u l-buffi, studja wkoll id-drawwiet tal-popli, u l-iktar li tidher il-qawwa tiegħu bħala kritiku huwa fid-drawwiet taż-żwieġ u tal-mewt. Il-kittieb tagħna, kif rajna, intefa' l-iktar fuq dawn iż-żewġ fergħat tas-suġġett, u b'hekk laħqet f'Malta l-ewwel mewġa ta' l-istudju serju tal-folklore li kien dieħel fl-Italja u fi Franza. Biex nagħalqu, naħseb li nkunu qed nuru tajjeb lill-Konti Ciantar bħala dixxiplu ta' Muratori jekk nissellfu l-ġudizzju ta' Cocchiara fuq Muratori u kull fejn niltaqgħu ma' dan l-isem naqraw floku Ciantar: "*Collo sguardo rivolto alle tradizioni popolari del suo tempo il Muratori non le raccoglie come curiosità. Le considera fatti di pensiero. Le interpreta — come può — avvalendosi del metodo comparativo. E in tal modo...... le immette nella vita della storia*" (15).

(14) Ara *Malta Illustrata* (Malta, 1772), Libro II, Not. IV. p. 530.
(15) Cocchiara, Giuseppe: *Storia degli studi delle tradizioni popolari in Italia.* Palermo, G.B. Palumbo, 1947, p. 41.

**Fuq ix-xewqat tal-Festi tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida, li l-President u l-Kunsill tal-"Għaqda" kienu bagħtu lill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolita tal-Provinċja Maltija, irċevejna bi tweġiba dan li ġej li hija kopja tal-biljett li aħna għandna l-pjaċir li nippubblikaw:—**

L-ARĊISQOF TA' MALTA
JIŻŻIHAJR U JRODD IX-XEWQAT TAJBA
GĦALL-FESTI TAL-MILIED U GĦAS-SENA L-ĠDIDA
U JIBGĦAT IL-BARKA TIEGĦU
LILL-PRESIDENT U L-KUNSILL TAL-GĦAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI